



C/2023/1301

11.12.2023

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2023 – QF vs Il-Kunsill**

(Kawża T-386/22) <sup>(1)</sup>

***(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet tar-Russja li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi u ta’ riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni ta’ isem ir-rikorrent fuq il-listi ta’ persuni, ta’ entitajiet u ta’ organi kkonċernati – Kunċett ta’ ‘assoċjazzjoni’ – Żball ta’ evalwazzjoni”)***

(C/2023/1301)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: QF (rappreżentanti: T. Marembert u A. Bass, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Laurent, S. Van Overmeire u A. Boggio-Tomasaz, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2022, L 110, p. 55, rettifikasi fil-ĠU 2022, L 141, p. 131 u fil-ĠU 2023, L 39, p. 65) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/581 tat-8 ta' April 2022 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2022, L 110, p. 3, rettifikasi fil-ĠU 2022, L 141, p. 130 u fil-ĠU 2023, L 39, p. 64), sa fejn isimha ġie inkluż fil-listi ta' persuni u entitajiet li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16) u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 64).

**Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/581 tat-8 ta' April 2022 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina huma annullati sa fejn jikkonċernaw lil QF.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll għal dawk sostnuti minn QF.

<sup>(1)</sup> ĠU C 318, 22.8.2022.